# Heritage Malta u MUŻA jirċievu għotja prestiġjuża mill-Fondazzjoni Getty

**Stqarrija | 10 ta' Ġunju 2022**

Heritage Malta rċeviet għotja ta' €87,000 mingħand il-Fondazzjoni Getty biex tiżviluppa proġett diġitali edukattiv dwar il-kollezzjoni ta' tpinġijiet ta' artisti kbar li hemm f'MUŻA. Din l-għotja tagħmel parti minn 'The Paper Project: Prints and Drawings Curatorship in the 21st Century' – inizjattiva li l-Fondazzjoni Getty nediet fl-2018.

Billi l-ispeċjalizzazzjoni fl-istudju ta' tpinġijiet ta' artisti kbar hija pjuttost nieqsa f'Malta, dan il-proġett se jkun utli ħafna biex f'pajjiżna jkun hawn aktar esperti fil-qasam tax-xogħlijiet fuq il-karta.

Fis-sit elettroniku ta' MUŻA se tkun qed tinħoloq taqsima ġdida ddedikata għall-kollezzjoni ta' tpinġijiet ta' artisti kbar, filwaqt li se jittieħdu wkoll inizjattivi ta' outreach. Din il-kollezzjoni, li għadha mhix magħrufa wisq, tinkludi 150 tpinġija li jmorru lura sa bejn is-seklu 15 u s-seklu 18 u li huma x-xogħlijiet ta' artisti kbar bħal Pietro Perugino, Vittore Carpaccio, Giorgio Vasari, Federico Zuccaro, Giovanni Baglione, Guercino, Mattia Preti, François Boucher, Antoine Favray u Adrien Manglard.

Il-proġett diġitali online se jinkludi kontenut didattiku mmirat lejn udjenzi differenti, jiġifieri l-pubbliku ġenerali, it-tfal, l-istudenti u l-akkademiċi, liema kontenut se jittratta l-kollezzjoni ta' tpinġijiet mil-lat ta' materjal, teknika, użu, perjodu, provenjenza u suġġett. Il-proġett jaħseb ukoll għall-ħatra ta' Assistent tar-Riċerka li, flimkien mal-kuraturi ta' MUŻA, se jkun jista' jikseb esperjenza fil-qasam u jikkollabora ma' esperti internazzjonali.

Fir-rigward ta' inizjattivi ta' outreach, dawn se jsiru kemm online kif ukoll wiċċ imb wiċċ, bil-ħsieb li jintroduċu l-kollezzjoni lil udjenza akbar sew lokalment u anke barra minn Malta.

MUŻA se jkun qed jikkollabora mal-Malta Study Center fi ħdan il-Hill Museum and Manuscript Library (HMML) tal-Università St John's f'Collegeville, Minnesota. L-HMML kien ħa ħsieb id-diġitizzazzjoni tal-kollezzjoni ta' tpinġijiet u inċiżjonijiet antiki, mapep, albums, dokumenti stampati u manuskritti ta' MUŻA fl-2017 u 2018. Għall-proġett online se jintużaw ritratti pprovduti mill-HMML. Il-mikrosit online u materjal diġitali ieħor se jiġu żviluppati mid-Dipartiment tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta.

Din hija l-ewwel inizjattiva komprensiva li ttieħdet f'Malta b'risq l-istudju tat-tpinġijiet ta' artisti kbar li huma parti mill-kollezzjoni nazzjonali. Minbarra li jkattar l-għarfien meħtieġ dwar dawn it-tpinġijiet, il-Getty Paper Project se joħloq u jsaħħaħ opportunitajiet ta' kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet u esperti barranin biex it-tpinġijiet jiġu studjati aktar fil-fond u tinħoloq kuxjenza u apprezzament dwarhom fost udjenzi varji. Dan jorbot ukoll

mal-missjoni ta' Heritage Malta li tagħmel il-kollezzjoni nazzjonali aċċessibbli għal kulħadd, sew f'Malta stess kif ukoll lil hinn minn xtutna.

***Dan il-proġett diġitali huwa possibbli bl-appoġġ tal-Fondazzjoni Getty permezz tal-inizjattiva 'The Paper Project'.***

***Ritratt: Adrien Manglard, The Shipwreck, c. 1753, ġibs aħmar fuq karta bajda. Ritratt bil-kortesija tal-Malta Study Center fi ħdan il-Hill Museum and Manuscript Library, MUŻA u Heritage Malta.***

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta